MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 95/1998/1

**Victor Attard**

**v.**

**Maria Attard**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>:**

1.1 Dan huwa appell li gie interpost mill-attur minn sentenza moghtija fis-27 ta’ Jannar 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali.

1.2 Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, is-sentenza appellata qieghda tigi hawn taht riportata *in toto*:

“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta illi:

“Illi l-kontendenti zzewgu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Settembru tal-elf disa’ mija u sebgha u sittin (1967) u miz-zwieg taghhom kellhom tliet ulied cioe` A, B u C li minnhom l-ahhar tnejn ghadhom minuri.

“Illi permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar tal-elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) fil-kawza fl-ismijiet Maria Attard -v.- Victor Attard (Citazzjoni numru 141/86) giet ddikjarata s-separazzjoni personali bejniethom, minghajr ma giet likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

“Illi mid-data tas-sentenza fuq imsemmija l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-attur ta’ sevizzi, mohqrija, ingurji gravi u fuq kollox ta’ adulterju.

“Illi konsegwentement il-konvenuta ddekadiet mill-jeddijiet moghtija lilha bil-ligi u dan senjatament fit-termini tal-Artikolu tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili;

“Illi l-attur irid li tigi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u salv il-premess il-beni formanti l-istess komunjoni jigu divizi bejniethom.

“Illi permezz ta’ digriet tat-tlettax (13) ta’ Marzu tal-elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) l-attur gie awtorizzat sabiex jipprocedi bil-beneficcju tal-ghajnuna legali.

“Talab lill-konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara lill-konvenuta hatja fil-konfront ta' zewgha ta' sevizzi, mohqrija, ingurji gravi u adulterju u dan skond ma jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza.

"2. Konsegwentement tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet taghha kif kontemplati fl-Artikoli tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili, Kap. sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.

"3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejn il-kontendenti.

"4. Tillikwida l-istess komunjoni u tiddividiha skond il-Ligi, dejjem salv dak li ntalab fuq u bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenuta skond il-Ligi.

"5. Tordna li l-kustodja tal-minuri jigifieri B u C tigi fdata lill-attur.

"6. Tawtorizza lill-konvenut sabiex flimkien ma' wliedu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali fin-numru tnax (12) ta' Triq Kheraba, Xewkija, Ghawdex.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja.

"Il-konvenuta mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa tinsab ingunta.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur minnu kkonfermata bil-gurament.

"Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi:

"1. Illi fl-ewwel lok, l-allegazzjoni tal-attur illi l-esponenti saret hatja fil-konfront tieghu ta' sevizzi, mohqrija, ingurji gravi hija infondata fid-dritt u fil-fatt, stante illi ghall-kuntrarju huwa l-attur illi rrenda ruhu hekk hati fil-konfront taghha minhabba illi huwa ripetutament u

kostantament naqas illi jissoministralha r-retta alimentari illi huwa gie ordnat ihallas bis-sahha tas-sentenza citata minnu stess, u dan minkejja illi sahansitra kien hemm sentenza moghtija mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'dan is-sens;

"2. illi fil-kaz odjern ma hemmx lok ghall-applikazzjoni fil-konfront tal-esponenti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili;

"3. illi c-cirkostanzi tal-kaz huma tali illi jiggustifikaw illi l-kustodja tal-minur B u C tigi afdata esklussivament lill-esponenti, stante illi l-attur ilu ma jissoministra retta alimentari lil dawn iz-zewg ulied sa mill-1986, u hija l-esponenti illi matul dan iz-zmien kollu hadet kura ta' dawn iz-zewgt itfal minorenni. Illi inoltre, l-attur naqas illi jaccedi ghal dawn it-tfal minuri u jinvistahom minkejja illi ripetutament l-esponenti kienet offrietlu dan l-access u dawn il-visti, u dan kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"4. illi l-esponenti topponi ruhha illi l-attur jibqa' jabita fid-dar matrimonjali numru tnax (12) Triq Kheraba, Xewkija, u dan ghaliex l-attur ma ghandu ebda dritt illi jeskludi lill-esponenti u lil uliedu mit-tgawdija ta' dan id-dar, u fi kwalunkwe kaz, din id-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat minn dan il-bejgh jigi ripartit bejn il-konjugi fil-kwoti lilhom spettanti skond il-ligi;

"5. illi ghaldaqstant l-ewwel, it-tieni, il-hames u s-sitt talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

"6. illi salv ghall-premess, l-esponenti ma hijiex qeghda topponi it-tielet u r-raba talba tal-attur, b'dan illi galadarba jigu michuda t-talbiet l-ohra kollha, il-proprjeta` formanti l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi diviza ugwalment bejn tnejn, u fl-eventwalita` illi tali divizjoni ma hijiex prattikabbli, din l-istess proprjeta` ghandha tigi licitata, u r-rikavat jigi spartit ugwalment bejn il-kontendenti;

“7. illi l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur, u qieghed jigi precizat ukoll illi ma saru ebda proceduri quddiem il-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja u kwindi ma hemm ebda spejjez x’wiehed ihallas ghal dawn il-proceduri inezistenti.

“8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta minnha mahlufa.

“Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Ottubru 1998 fejn innominat lill-avukat Dottor Mario Scerri bhala perit legali.

“Rat il-verbal tal-kontendenti tas-16 ta' Novembru 1999 fejn qablu li jigi revokat l-inkarigu tal-perit legali.

“Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Marzu 2006 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza numru 141/1986 fl-ismijiet inversi, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Jannar 1992.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

“Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Gunju 2008, fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawza in segwitu` ghal wahda ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti, li kienet giet deciza fl-24 ta' Jannar 1992 minn din il-Qorti stess, diversament ippreseduta. F'dik odjerna l-attur issa qed jitlob:

“(i) li jigi dikjarat li l-konvenuta hija hatja fil-konfront tieghu ta' sevizzi, mohqrija, ingurji gravi u adulterju;

“(ii) li konsegwentement jigi dikjarat li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet taghha kif kontemplati fl-Artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili;

“(iii) ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejniethom;

“(iv) il-likwidazzjoni u divizjoni tal-istess, dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li ntalab fl-ewwel talba;

“(v) li l-kustodja tat-tfal minuri tigi fdata lilu;

“(vi) u li jigi awtorizzat jghix flimkien ma' dawn uliedu fid-dar matrimonjali.

“Irid jinghad mill-ewwel illi llum it-tfal tal-kontendenti lkoll kemm huma lahqu l-eta` taghhom, u ghalhekk m'hemm l-ebda skop li tigi deciza t-talba dwar il-kustodja taghhom. Infatti fil-kors tal-kawza l-attur ceda din it-talba.

“Jirrizulta illi fil-kawza tas-separazzjoni li kien hemm bejn l-istess kontendenti, gie deciz illi l-htija ghas-separazzjoni kienet kollha tal-attur prezenti. Ma jidhirx illi dik id-decizjoni qatt giet appellata jew ritrattata u ghalhekk illum ghaddiet in gudikat. Ghaldaqstant sabiex l-attur jirnexxi fl-ewwel zewg talbiet tieghu, irid jigi ppruvat illi mid-data ta' dik is-sentenza sakemm giet ipprezentata l-kawza odjerna, sitt snin wara, sehhew affarijiet li jirrendu lill-konvenuta hatja ta' dak allegat mill-attur fic-citazzjoni tieghu. Imma l-provi kollha li gew ipprezentati f'din il-kawza, jirreferu ghaz-zmien meta l-kontendenti kienu ghadhom jghixu flimkien, u cioe` qabel ma l-konvenuta telqet ghal kollox mid-dar matrimonjali. Minn dakinhar 'il quddiem ma jirrizultax illi l-konvenuta qatt regghet marret tghix ma' zewgha, u ghalhekk ma seta' kien hemm ebda incidenti ohra li jistghu jirrenduha hatja ta' xi nuqqas gravi fil-konfront tieghu. Anke jekk tassew minn dakinhar 'l hawn kien hemm l-adulterju, allegazzjoni li assolutament ma gietx ippruvata, dan ma jwassalx ghall-konsegwenzi msemmija fl-Artikoli 48 sa 51 tal-Kap. 16. Dan l-adulterju, jekk qatt kien hemm, ma jistax ikun issa l-htija ghall-firda,

gialadarba kien gia` gie deciz bis-sentenza precedenti illi l-htija ghall-firda kienet tal-attur innifsu.

“Nigu ghalhekk ghat-talbiet l-ohra dwar ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejn il-kontendenti. L-unici beni li rrrizultaw formanti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, huma:

“(i) id-dar residenzjali fl-indirizz numru tnax (12), Triq Kheraba, llum maghrufa bhala Triq ta' Kraba, ix-Xewkija, Ghawdex, mibnija mill-kontendenti waqt iz-zwieg taghhom;

“(ii) l-ghamara ezistenti f'din id-dar; u

“(iii) depozitu ta' 40,000 dollaru awstraljan f'*joint account* numru 21215003746 fil-Commonwealth Bank of Australia - Blacktown 2148, bl-interessi relattivi, li jidher illi ghal xi zmien baqghu ma ngabrux, billi l-kont jinsab ibblukkat fuq struzzjonijiet tal-kontendenti, jew xi hadd minnhom.

“**Dwar id-dar**: Ma giet mitluba ebda relazzjoni da parti ta' perit tekniku sabiex jistabilixxi jekk din id-dar kienitx komodament divizibbli bejn il-kontendenti. Pero` fi kwalunkwe kaz, u tenut kont tac-cirkostanzi li wasslu ghas-separazzjoni, fejn kien hemm il-vjolenza sew fizika u anke morali, ma jidhirx konsiljabbli li din id-dar tinqasam b'tali mod li l-kontendenti jispiccaw jghixu daqstant qrib xulxin. Ghalhekk l-unika alternattiva tibqa' li d-dar tingieb ghall-bejgh in licitazzjoni, sabiex ir-rikavat jigi mbaghad spartit bejn il-kontendenti.

“**Dwar l-ghamara**: Ma ngiebet ebda tip ta' prova dwar il-konsistenza ta' l-ghamara fid-dar residenzjali tal-kontendenti. Il-perit legali li kien gie nominat fil-kawza tas-separazzjoni jaghmel referenza ghal xi dokument "L" konsistenti f'lista ta' din l-ghamara, li kien gie pprezentat waqt is-smiegh ta' dik il-kawza mill-allura attrici. Din il-lista pero` baqghet ma gietx esebita minnu fir-relazzjoni tieghu, probabilment ghax ma kienitx rilevanti ghat-talbiet f'dik il-kawza. F'tali cirkostanzi din il-Qorti tinsab totalment fil-

ghama dwar il-konsistenza ta' dawn l-oggetti, u ghalhekk ser thallihom indivizi bejn il-partijiet.

“**Dwar id-depozitu esteru**: Dan facilment jista' jigi diviz, billi l-ammont jigi zbankat u l-istess depozitu flimkien ma' kwalunkwe interessi akkumulati, jigu spartiti ugwalment bejn il-kontendenti.

“Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi l-kawza billi:

“(i) tichad l-ewwel talba billi ma rrizultatx;

“(ii) ghall-istess raguni tichad it-tieni talba;

“(iii) tilqa' t-tielet talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejn il-kontendenti;

“(iv) tilqa' r-raba’ talba u tiddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejniethom tikkonsisti: (a) fid-dar residenzjali fl-indirizz numru tnax (12) Triq ta' Kraba, drabi ohra maghrufa bhal Triq Kheraba, ix-Xewkija, Ghawdex; (b) l-ghamara fl-istess dar; u (c) depozitu ta' 40,000 dollaru awstraljan, bl-interessi akkumulati, fil-Commnwealth Bank of Australia - Blacktown 2148, kont numru 21215003746; u filwaqt illi thalli l-ghamara fid-dar residenzjali ndiviza ghar-raguni fuq imfissra, tiddividi l-bqija tal-beni billi: (1) tordna l-bejgh in licitazzjoni, bl-ammissjoni tal-oblaturi estranei, tad-dar residenzjali fl-indirizz hawn indikat, sabiex ir-rikavat imbaghad jigi spartit bejn il-kontendenti, u (2) d-depozitu esteru hawn deskritt jigi zbankat u r-rikavat jigi wkoll spartit ugwalment bejn il-kontendenti;

“(v) tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba, billi llum mhux il-kaz;

“(vi) tichad is-sitt talba in vista ta' dak li gie deciz fir-raba' talba.

“Bl-ispejjez tal-ewwel zewg talbiet ikun a karigu tal-attur, u tat-talbiet l-ohra jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti.”

**<u>L-appell tal-Attur</u>:**

2.1 L-attur hassu aggravat relattivament ghal dik il-parti mis-sentenza surreferita "fejn l-ewwel Qorti ordnat *outright* il-bejgh in licitazzjoni bl-ammissjoni tal-oblaturi estranei tad-dar residenzjali...". Ghalhekk huwa qieghed jitlob li din il-Qorti;

"...thassar, tirrevoka u tannulla l-parti tar-raba' paragrafu tad-*decide* tas-sentenza dwar il-bejgh in licitazzjoni tal-fond 12, Triq Kraba, Xewkija, Ghawdex"

u dana,

"bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata."

2.2 L-aggravji tal-attur in succint huma s-segwenti:

(i) Li fl-istess waqt li l-ewwel Qorti laqghet ir-raba' talba attrici, hija pero`:

"cahdet u ma kkalkolatx is-sitt talba tieghu u cioe` t-talba sabiex l-attur appellant jigi awtorizzat sabiex flimkien ma' uliedu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali."

(ii) Li r-raba' u s-sitt talba riedu jittiehdu flimkien u mhux separatament kif invece ddecidiet l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti ma kellhiex tassumi li fir-raba' talba kien hemm inkluza d-dar matrimonjali ghaliex din fil-fatt kienet inkorporata fis-sitt talba u skond l-appellant jirrizulta "b'mod car li l-attur appellant ma riedx li d-dar residenzjali tinbiegh u allura ma taqax taht ir-raba' talba..."

(iii) Li kif ippronunzjat ruhha l-Qorti fis-sentenza taghha, hija "marret oltre" minn dak li gie mitlub mill-attur fit-talbiet tieghu. Il-fond *de quo* huwa komodament divizibbli. Dan seta' jigi accertat bis-solita hatra ta' perit gudizzjarju u darba li tali stat ta' fatt jigi accertat, il-kondividendi kien ikollhom il-fakolta` li jaghzlu. Hu biss f'kaz ta' nuqqas ta' qbil li l-Qorti tordna li ssir il-licitazzjoni.

(iv) Minghajr tali perizja dwar il-possibbilta` fizika *o meno* tad-divizjoni fizika tad-dar matrimonjali, l-ewwel Qorti ma setghetx taqbad u tordna l-bejgh bil-licitazzjoni kif ghamlet.

Is-suespost jirraporta succintement id-diversi aggravji tal-attur li jirrepetu ruhhom fir-redazzjoni tar-rikors ta' appell.

**<u>Ir-risposta tal-konvenuta appellata</u>:**

3. L-appellata konvenuta wiegbet li l-appell ghandu jigi michud bil-konferma tas-sentenza *in toto*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur, anzi bl-ispejjez doppji stante n-natura frivola tal-appell. In succint, l-appellata tadduci r-ragunijiet segwenti in sostenn tac-cahda tal-appell:

(i) Li fuq id-dar matrimonjali l-konjugi Attard ghandhom drittijiet ugwali;

(ii) Illi in precedenza kien gie deciz li ghas-separazzjoni bejn il-konjugi kien jahti biss l-attur;

(iii) Li l-allegazzjoni ta' adulterju fil-konfront taghha ma gietx b'xi mod ippruvata;

(iv) Li l-attur qatt ma wera interess f'uliedu fil-kors tal-hajja mizzewga. Dawn l-ulied mhux ser imorru jghixu illum mieghu apparti li lkoll saru maggorenni;

(v) Li ma jirrizultax li "l-ewwel Qorti ttraskurat ghal kollox (din) is-sitt talba" kif jilmenta l-attur fl-appell tieghu;

(vi) Li kif iddecidiet l-ewwel Qorti kien ghal kollox korrett "u in effetti hija l-unika soluzzjoni illi tista' taghmel gustizzja";

(vii) Li tenut kont tal-fatt li jirrizulta li giet ezercitata vjolenza kemm fizika u kemm morali mill-attur fuq martu, mhux konsiljabbli li ssir il-qasma tad-dar kif mitlub mill-attur biex b'hekk jibqghu t-tnejn jghixu qrib ta' xulxin.

(viii) Li l-attur ma talab imkien il-hatra ta' perit tekniku fil-kors tal-kawza u mhux il-kaz li l-Qorti kienet allura f'obbligu li taghmilha hi *ex officio*.

(ix) Li bla hsara tas-suespost, anke r-rapport peritali *ex parte* m'ghandux jinkonvinci jew jinduci lil din il-Qorti biex tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata kif talab l-attur.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>:**

4. kif jidher mill-parti preliminari ta' din is-sentenza, l-appell tal-attur huwa cirkoskritt ghal aspett wiehed biss tat-talbiet tieghu, jigifieri dak li jikkoncerna d-dar matrimonjali tal-partijiet, cioe` l-fond numru tnax (12), Triq Kheraba, illum maghrufa bhala Triq ta' Kraba, Xewkija, Ghawdex, li fil-prezent ghadha tappartjeni lill-attur u l-konvenuta. L-ewwel Qorti ordnat il-bejgh taghha in licitazzjoni bil-konkorrenza ta' oblaturi estraneji. L-attur qieghed joggezzjona ghal din il-parti tad-*decide* bl-iskop ahhari li, minflok dak li gie deciz l-imsemmi fond jigi maqsum fi tnejn, u kull parti tigi assenjata n-nofs taghha. B'hekk, jghid l-appellant, huwa jkun jista' jibqa' jghix fl-imsemmi fond flimkien mat-tliet (3) uliedu, illum maggorenni.

5. Bhala sfond ghandu jigi rilevat li l-kawza odjerna hija straxxiku ta' procedura ta' separazzjoni *a mensa et thoro* inizjata mill-konvenuta (dakinhar fil-vesti ta' attrici) kontra l-attwali attur (dakinhar konvenut). Dik il-kawza kienet giet deciza fl-24 ta' Jannar 1992 (Citazzjoni Numru 141/86) u fiha giet iddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Attard, bla ma pero` giet ukoll likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom. Wahda mit-talbiet attrici f'din il-kawza hija proprju intiza biex ikun hemm pronunzjament dwar din il-likwidazzjoni, u in partikolari, decizjoni rigwardanti d-dar matrimonjali.

6. Kif rajna, l-ewwel Qorti ordnat li din tinbiegh per via ta' licitazzjoni izda l-attur ma jaqbilx. Huwa jillanja mill-fatt li l-Qorti ddecidiet dwar ir-raba' talba izda ma tatx ukoll kont tas-sitt talba tieghu. Din is-sitt talba, huwa

jissottometti, kien messha giet ikkunsidrata flimkien mar-raba' talba. Jghid li l-Qorti tal-ewwel grad lanqas kienet konformi mar-regoli tal-procedura meta qabdet u ordnat il-licitazzjoni minghajr ma qabel hatret perit biex jigi qabel xejn stabbilit jekk il-fond *de quo* kienx, wara kollox, fizikament u komodament divizibbli. Jghid, u ghal dan l-iskop huwa pproduca relazzjoni peritali *ex parte* biex isostni l-punt tieghu, li dan il-fond jista' jinqasam f'zewg fondi u b'hekk huwa jkun jista' jibqa' jabita fih flimkien mat-tliet uliedu.

7. Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija tal-fehma li m'huwiex il-kaz li hija ghandha tintervjeni biex tvarja u tirriforma dik il-parti tad-*decide* kif qieghed jitlob l-attur appellant.

L-ewwel nett din il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-talba tal-attur appellant u tinjora d-decizjoni tas-separazzjoni surreferita fejn dik il-Qorti kienet irriteniet li din kienet qieghda tigi ppronunzjata,

"minhabba htija tal-konvenut u ezattament minhabba eccessi, ingurji, mohqrija, theddid u sevizzi de parti tal-konvenut lejn l-attrici u l-ulied komuni tal-kontendenti."

Fl-istess sentenza li ghaddiet in gudikat, dik il-Qorti addottat u ghamlet taghha *in toto* il-konkluzjonijiet raggunti mill-perit gudizzjarju. Fost il-kostatazzjonijiet tar-relatur kien hemm is-segwenti (ara para. 56 tar-relazzjoni peritali):

"L-esponent hu konvint li l-attrici xehdet is-sewwa meta semmiet kemm sofriet minn zewgha theddid, insinwazzjonijiet, swat, fissazzjonijiet bla sens, ingurji ma jaqtghux specjalment fl-epoki spissi ta' nervi jew sakra da parti tar-ragel..."

Mhux hekk biss, pero` ghaliex l-istess relatur kien tal-fehma segwenti (ara para 64 ibid) dwar id-dar matrimonjali:

“Il-fond ma jidhirx li hemm mod iehor li jinqasam hlief li jigi licitat u r-rikavat maqsum 50:50 bejn il-kontendenti. Ammenokke` parti ma tkunx trid tixtri s-sehem tal-parti l-ohra.”

Mela mis-suespost ghandu jirrizulta aktar minn evidenti li bil-maqlub tal-impressjoni li ried jaghti l-appellant, ma kien hemm ebda element ta’ sorpriza fil-fatt li l-ewwel Qorti ddecidiet kif iddecidiet u ordnat li jsir il-bejgh tal-fond kif kien gie suggerit mir-relatur fil-kawza precedenti tas-separazzjoni. U jekk l-attur deherlu li fizikament il-fond seta’ facilment jigi diviz fi tnejn (li kif ser jinghad aktar ’il quddiem lanqas inhuwa daqstant fattibbli kif jippretendi l-appellant), huwa kien messu talab li jinhatar perit ghal dan il-ghan – haga li naqas milli jaghmel.

8. Din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata u ma jidhrilhiex li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra s-sitt talba tal-attur, kif dan jillanja. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li fis-sentenza taghha dik il-Qorti bdiet biex ghamlet riferenza diretta u espressa ghas-sentenza ta’ separazzjoni moghtija precedentement b’sunt ta’ dak li gie deciz fiha, u wara illi rriteniet li l-allegazzjoni ta’ adulterju fil-konfront tal-konvenuta la jirrizulta ppruvat u lanqas kien relevanti ghall-fini ta’ din il-kawza, ghaddiet imbaghad biex tiddisponi kif gej fir-rigward tad-dar matrimonjali:

“Ma giet mitluba ebda relazzjoni de parti ta’ perit tekniku sabiex jistabilixxi jekk din id-dar kienitx komodament divizibbli bejn il-kontendenti. Pero`, fi kwalunkwe kaz, u tenut kont tac-cirkostanzi li wasslu ghas-separazzjoni, fejn kien hemm il-vjolenza sew fizika u anke morali, ma jidhirx konsiljabbli li din id-dar tinqasam b’tali mod li l-kontendenti jispiccaw jghixu daqstant qrib xulxin. Ghalhekk l-unika alternattiva tibqa’ li d-dar tingieb ghall-bejgh in licitazzjoni, sabiex ir-rikavat jigi mbaghad spartit bejn il-kontendenti.”

Kwindi, meta l-ewwel Qorti ghamlet il-pozizzjoni daqstant bic-car, zgur ma jistax jinghad li giet imwarrba xi talba. *Multo magis* meta rrizulta li l-kura l-kustodja tat-tfal kienet giet assenjata lill-konvenuta, li t-tlett itfal illum huma lkoll maggorenni u minn dak li kienet xehdet bint l-attur dwar l-

appellant (ara affidavit ta' DS, a fol. 88-91 tal-process) ma tantx hemm x'wiehed jaghti affidament lix-'xewqa' tal-attur li jghix ma' wliedu fid-dar taz-zwieg.

9. Fi sforz biex jikkolma l-lacuna dwar il-mankanza ta' prova dwar jekk wara kollox id-dar taz-zwieg hijiex fizikament divizibbli jew le, l-attur esebixxa *ex parte* rapport peritali rilaxxjat mill-A.I.C Edward Scerri (ara Dok VA1, fol. 7, atti tal-appell). Issa apparti li l-prezentata ta' dan ir-rapport ta' pagna wahda la hija awtorizzata, la r-rapport ma huwa guramentat, u seta' ttella' bi prova *se mai* quddiem l-ewwel istanza u mhux fi stadju ta' appell, madankollu lanqas b'din ir-relazzjoni b'kollox ma jinkonvinci l-attur. Dan ghaliex ir-rapport ghalkemm jipprospetta l-possibbilta` tal-qsim tal-fond fi tnejn, jassoggetta tali ipotesi ghal htiega ta' "alterazzjonijiet minimi" biex isir garaxx akkomodanti "zewg karozzi wahda wara l-ohra." F'kelma wahda, ir-relatur qieghed jipprospetta l-ipotesi li zewg *ex*-konjugi, bi storja passata ta' swat u mohqrija, mhux biss jibqghu jabitaw taht xulxin imma li jipparkeggjaw il-vetturi taghhom wahda wara l-ohra f'garaxx wiehed! Dan imur diametrikalment bil-kontra ta' dak li gustament gie rakkomandat li ghandu jsir mill-perit legali fil-kawza ta' separazzjoni u dak li gie abbraccjat u deciz minn dik il-Qorti. L-attur irid li tramite din it-tieni procedura jregga' l-arlogg lura u dak li ma sehhlux jottjeni fil-kawza precedenti, jipprova jiksbu permezz tal-kawza in ezami. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, jidhrilha li assolutament ma huwiex konsiljabbli dak li talab l-attur fis-sitt talba tieghu fl-att tac-citazzjoni, u kien anzi appuntu ghal din ir-raguni li l-ewwel Qorti ddecidiet billi ddisponiet minn din it-talba billi kopritha b'dak li kienet iddecidiet permezz tar-raba' talba.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ebda wiehed mill-aggravji ma ghandu fondament u dan l-appell ghandu jigi michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-attur bl-ispejjez relattivi kontra

tieghu. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif gie deciz dwarhom mill-Qorti tal-ewwel grad.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------